



2024/460

5.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/460

tat-2 ta' Frar 2024

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-
Żimbabwe**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK ⁽¹⁾, li tikkonċerna miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, il-miżuri restrittivi stabbiliti hemmhekk jenħtieġ li jiġġeddu sal-20 ta' Frar 2025. Jenħtieġ li l-Kunsill ikompli jżomm dawk il-miżuri restrittivi taħt rieżami kostanti fid-dawl tal-iżviluppi politiċi u dawk fil-qasam tas-sigurtà fiż-Żimbabwe.
- (3) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2011/101/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2025."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

H. LAHBIB

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).